**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 24 ta' Frar, 2017**

**Mandat Nru: 174/2017 AF**

**Joseph Fenech**

**vs**

**John Cassar**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Joseph Fenech li permezz tieghu, ghar-ragunijiet fih premessi, intalbet din il-Qorti zzomm lil John Cassar milli jbiegh il-fond bla isem fi Block C, Triq Tumas Galea, Birkirkara.

Rat id-dokument anness.

Rat id-digriet precedenti.

Rat li John Cassar ma ressaq ebda twegiba.

Semghet lid-difensuri.

Rat li r-rikors thalla ghal digriet in camera.

Ikkunsidrat illi l-Art. 873 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi:

> *"(1) L-iskop tal-mandat ta' inibizzjoni hu dak li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tkun li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat.*
>
> *(2) Il-qorti m'ghandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent prima facie jidher li għandu dawk il-jeddijiet."*

L-insenjament ta' dawn il-Qrati fir-rigward huwa kostanti fis-sens:

> *"Illi bil-ligi, jehtieg li r-rikorrenti juri zewg hwejjeg biex ikun jisthoqqlu jikseb il-hrug ta' Mandat bhal dak. L-ewwel haga li jrid juri hi l-mandat huwa mehtieg biex jitharsu l-jeddijiet pretizi mir-rikorrent. It-tieni haga hi li r-rikorrent jidher li ghandu, mad-daqqa t'ghajn (prima facie) dawk il-jeddijiet. Minn kliem il-ligi nfisha, iz-zewg elementi huma kumulativi u mhux alternattivi. Jekk xi wiehed minn dawn iz-zewg elementi ma jirrizultax, il-Qorti ghandha tichad it-talba ghall-hrug ta' mandat bhal dak. Siewi wkoll li wiehed izomm quddiem ghajnejh li l-procedura li hija mahsuba biex titqies talba bhal din hija wahda sommarja, billi mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bhal dak kulma jmissu jitressaq quddiemha waqt is-smigh tal-kawza dwar l-istess jedd."* – (Mugliett vs Bonnici – 25 ta' Jannar 2005).

Fil-kaz in ezami jirrizulta li l-partijiet ffirmaw konvenju ghall-bejgh tal-proprjetà *de quo*. L-att finali baqa' ma giex pubblikat u nbdew il-proceduri appoziti.

Il-Qorti tqis li f'dawn ic-cirkostanzi r-rikorrenti rnexxielu jissodisfa l-vot tal-ligi ghall-hrug tal-mandat.

Għaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' definittivament it-talba kontenuta fir-rikors tat-2 ta' Frar 2017. Tordna lir-Reġistratur tal-Qorti jeffettwa d-debiti notifiki.

L-ispejjez jibqgħu riżervati għall-ġudizzju finali fil-kawża prinċipali.

IMĦALLEF